MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 395/2011

**A B**
**Vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi l-partijiet izzewwgu fis-27 ta' Gunju 1986 (ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg twieldu D ( 1 ta' Frar 1991) illum maggorenni u E (3 ta' Dicembru 1995).

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntatt redatt minn Nutar Henri J. Vassallo mill-10 ta' Settembru 2002. (ara Dok B anness).

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom separati mill-2002, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju *stante* li skond il-kuntratt Dok. B. ma hemm ebda mantenimtent dovut u dana skond klawsoli 4 u 8 (c), stante li l-partijiet iddekadew mid-dritt ta' kwalunkwe manteniment reciproku favur xulxin u C B iddikjarat li ser tkun unikament responsabbli ghall-manteniment ta' ulied il-partijiet.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Dicembru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat il-provi li gew prodotti;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-Qorti rat illi il-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom separati mis-sena 2002 u ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Henri Vassallo tal-10 ta' Settembru 2010;

Illi l-Qorti rat illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut peress illi l-partijiet kienu iddekadew mid-dritt ta' manteniment reciproku favur xulxin

u l-intimata kienet iddikjarat illi kienet ser tkun unikament responsabbli ghall-manteniment ta' ulied il-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------